SANNAT

Minuti tal-ħamsa u tletin laqgħa tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ħamis, 15 ta' Settembru, 2011 fis-8.15 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada<br>Joseph Bajada<br>Marlene Muscat |
| L-Uffiċjali:<br>Is-Segretarju Eżekuttiv | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

1711 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru 33 li saret fid-9 ta' Awwissu 2011 u l-minuti tal-laqgħa 34 li saret fis-16 ta' Awwissu 2011.

**Item 2. Mill-Minuti**

1712 *(para. 1686)* Rigward l-istima ta' Joseph Magro biex tissewwa it-Triq ta' Mġarr ix-Xini, is-Sindku qali li hu ma jaqbilx li din kellha tingħata lil Joseph Magro.

1713 *(para.1622)* John Grima beda x-xogħol ta' skavar tal-bini li jmiss mal-uffiċċju amministrattiv il-ġdid. Rigward l-arbitraġġ tad-delineazzjoni tal-art li tmiss mal-proprjeta' ta' John Grima, is-Sindku qal li dan l-arbitraġġ ġie deċiż. Hu qal li kiteb lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex jingħata kopja għaliex ma kienux bagħtu kopja tad-deċiżjoni. Din intbagħtet lilu fit-12 ta' Settembru 2011. Is-Sindku mar għand l-avukat tal-Kunsill sabiex jieħu parir rigward il-każ. L-avukat issuġġerixxa li jsir protest il-qorti kontra d-Dipartiment tal-Artijiet dwar il-każ għaliex ittieħdet d-deċiżjoni u l-Kunsill la kien involut u lanqas infurmat. Hu qara l-protest li pprepara l-avukat tal-Kunsill. Hawnhekk ġie mistoqsi biex jippreżenta l-ittra tar-riżultat tal-arbitraġġ. Hu qal li għadu ma fetaħx l-email. Is-Sindku ppropona li ssir Press Conference fuq li għamel id-Dipartiment tal-Artijiet biex jirrispondi dwar il-fatti u dak li ġara. Il-perit Edward Scerri għandu jiġi mqabbad jivverifika l-pjanti.


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

1714 Il-Kunsillier Marlene Muscat ġibdet l-attenzjoni tas-Sindku li familjari ta' John Grima avviċinawha u qalulha li s-Sindku qalilhom li l-Kunsilliera Nazzjonalisti qed iżommu fuq il-bini tal-ħajt tal-qasma ma' John Grima. Dawn il-familjari jafu li ntalbet laqgħa b'urġenza fuq l-uffiċċju amministrattiv. Hi qalet li l-laqgħa ntalbet biex jiġi diskuss l-ftuħ tal-uffiċċju amministrattiv. Hi qalet ukoll li din il-laqgħa ma saritx u hu kontra l-liġi li din ma issejħitx.skont iż-żmien stipulat.

**Item 3. Notte Scarlatta**

1715 Din l-attivita' ser ssir nhar is-Sibt 24 u l-Ħadd 25 ta' Settembru 2011. Il-programm finali ser ikun hekk:

Is-Sibt 24 ta' Settembru

Ftuħ tal-esibizzjoni bit-tema "It-Tieni Gwerra Dinija" bil-għajnuna tas-Sur Charles Bezzina u wara Live Concert bil-parteċipazzjoni tas-Soprano Giorgina Gauci akkumpanjata minn Antoine Theuma. Wara għandu jsir riċeviment. Ser ikun hemm ukol il-Gozo Scale Modelling Club feat bil-mudelli militari. Ser ikun hemm Children's Area, ta' Mena Wine Fest u jkun miftuħ il-Gozo Aquarium. Sa nofs illejl ser ikun hemm live bands.

Il-Ħadd 25 ta' Settembru

L-attivitajiet tal-ħadd jibdew filgħodu b'wirja tal-vetturi militari. Isir diskors minn Chalres Bezzina. Isiru historical guided tours madwar Ta' Sannat. Ser ikun hemm id-Daqqaqa u l-Grupp folkloristiku Sinnet fil-pjazza biex jallegraw lill-pubbliku. Set ikun hemm *stalls* tal-stained glass, Scroll-saw, pasti, bejgħ tal-gazzetti u tal-pjanti. L-attivitajiet ikomplu wara nofs inhar b'marc mis-Soċjeta Mużikali Santa Margerita. Wara jsir it-tberik tal-annimali bil-parteċipazzjoni tal-Gozo Bird Breading Society u l-SPCA. Ser ikun hemm show mill-grupp ta' dancers "The Theatre" u d-dramm "L-attakk tal-10 ta' Ottubru 1942 fuq Ta' Sannat" mill-Għaqda Drammatika Ta' Sannat. L-attivitajiet jagħlqu bil-grupp "Cash & Band".

1716 Infetħu l-kwotazzjonijiet tal-Billboard, flyers u inviti li kienu :

Gozo Creations li kienet ta' €750.
SteVo Saliba (Mr. Signs) li kienet ta' €800.

Il-Kunsill għażel dik ta' Gozo Creations li kienet l-irħas waħda.

1717 Infetħu l-kwotazzjonijiet tal-istage Lights li kienu:

Anglu Buttigieg li kienet ta' €1,750.
Joe Gauci li kienet ta' €€1,099.
Micho Lights €855 kull ġurnata li jiġu €1,710.

Il-Kunsill għażel dik ta' Joe Gauci li kienet l-irħas waħda.

1718 Bħala sponsors ser ikun hemm:

International Sales Direct - €150

| | | |
|---|---|---|
| Ta’ Mena | - | €300 |
| Dr. Tek | - | €150 |
| Bank of Valletta | - | €200 |
| Moby Dick | - | €150 |
| Boathouse | - | €150 |

Il-Kunsill għandu jżomm mal-budget allokat għal din l-attivita’.

Il-Kunsillier Marlene Muscat saqsiet jekk il-voluntiera li applikaw ġewx infurmati biex jgħinu fl-attivita’.

**Item 4 Tender tal-fanali ta’ Triq Sannat**

1819 **Tender No. 06/2011**

Tender for the supply without installation of lamp-posts and lanterns at Triq Sannat, Ta’ Sannat Local Council

Closing date 7th September 2011 at noon

| Tender | Name of Contractor | Option 1 | Option 2 | Option 3 | Option 4 | Option 5 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Caruana & Cini | €44,976 | € ______ | €______ | € ______ | €______ |
| 2. | Rapa Showroms | € 11,680 | € _____ | €_____ | € ______ | €______ |
| 3. | E. Calleja & Sons Ltd | € 4,080 | €4,080 | €5,120 | €6,880 | €5,320 |
| 4. | Richard Cauchi | € 13,120 | €50,400 | €_______ | € ______ | €_______ |
| 5. | Anton Zarb | € 14,376 | € ______ | €_______ | € _______ | €_______ |

Ġie nnotat li Richard Cauchi ma għamilx kopja tad-dokumenti kif kien rikjest. Il-kopja ta’ dokumenti għandha tingħata lil Galea Curmi sabiex jagħmel rapport fuq id-dokumenti tat-tenders.

1820 Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-budget tal-manutensjoni spiċċa għaliex intefqu ammont sostanzjali ta’ flus fuq il-patching tat-toroq.

1821 L-applikazzjonijiet Ta’ Sqaq Dun Anastas u Ta’ Triq l-20 ta’ Lulju għal iskema ta’ Finanzjament ta’ Proġetti Speċjali f’ Lokalitajiet Zgħar saru. Il-perit għamel l-istimi li kienu €27,100 għal dik ta’ Sqaq Dun Anastas u €49,191 għal Triq l-20 ta’ Lulju 2011. Il-Kunsill intalab biex jgħid kemm għandu flus ivvutati għal dawn il-proġetti.

1822 Saret talba biex tiġi *shifted* il-bozza li hemm fi Triq Cocco Palmeri kantuniera ma’ Triq Vincenzo Caruana Spiteri għal Triq Vincenzo Caruana Spteri għar-raġuni li l-post fejn hi imwaħħla ser jitwaqqa’.

SANNAT

1823 Is-Sindku qal li s-surmast irid il-kamra tal-librerija għaliex għandu bżonnha u l-librerija ser tiġi transferita għall-uffiċċju amministrattiv il-ġdid.

1824 Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Business Plan għadu ma ġiex iffinalizzat u approvat.

Il-laqgħa spiċċat fil-10.15 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |